*Tagħrif Storiku*

# Il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar

## 1798 - 1800

***(It-Tieni Parti)***

**Kitba ta' Vincent Zammit**

Wara l-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi, wieħed ried jaħseb biex jorganizza ruħu sew. L-ewwel jiem kienu ferm importanti għall-Maltin, u dan bir-raġun kollu. Din kienet l-aktar ħaġa importanti biex tibda u titkompla dak li kien ingħata bidu għalih fit-2 ta' Settembru 1798. Hekk kif kollox deher li kien hemm il-bżonn ta' ċentru organizzazzjoni il-Maltin bdew ilaħħqu lil ċertu persuni ħalli jkunu huma responsabbli minn uħud mill-postijiet l-aktar importanti. Tlaqqgħet l-*Assemblea Nazzjonali,* intgħażlu l-Maltin li kellhom jirrappreżentaw l-irħula[1], u ingħata bidu għall-ħidma li kellha twassal għall-wasla ta' l-Ingliżi f'Malta u t-tkeċċija tal-Franċiżi minn gżiritna.

## Kmandamenti tal-Port ta' San Pawl il-Baħar

Biex jitmexxa aħjar il-kontroll fuq dak kollu li jkun għaddej madwar l-ibħra ta' Malta, l-awtoritajiet Maltin iddeċidew li l-portijiet ta' San Pawl il-Baħar, Marsaskala u Marsaxlokk kellhom ikunu taħt il-kontroll strett ta' l-istess Maltin[2]. Hawnhekk nindunaw li ntgħażlu dawn it-tliet postijiet bħala l-portijiet tal-Maltin, minħabba li l-portijiet ta' madwar il-Belt Valletta kienu magħluqa għat-traffiku mill-Franċiżi.

Fost in-nies li jissemmew fil-karigi ta' kmandanti niltaqgħu ma' l-ismijiet ta' Toni Parnis, Ġużeppi Gauci u Wiġi Briffa[3]. Dawn it-tliet persuni kienu nvoluti mhux ħażin fid-diversi intriċċi u inċidenti li nqalgħu. Kellhom ikunu l-protagonisti ta' l-inħawi. Fuq kollox wieħed jinnota li l-bajja ta' San Pawl il-Baħar kellha tkun l-akar port li ntuża mill-Maltin għall-mezzi ta' komunikazzjoni. Tajjeb li ngħidu wkoll li Alexander Ball kien laħħaq lil Vincenzo Borg, magħruf bħala Brared, flimkien ma' Antonio Parnis bħala *Guardiano di Porto e Capo di Sanità nel Porto di San Paolo a Mare*[4]. Dan seħħ fl-20 ta' Marzu 1799.

Il-port ta' San Pawl il-Baħar u fl-istess ħin il-kmandant ta' l-istess port kienu ferm importanti fiż-żamma ta' kuntatt ma' Sqallija u mal-bastimenti Ingliżi. Wieħed jista' jimmaġina għalhekk kemm kien importanti li dan il-port ikun miżmum taħt kontroll strett. Fl-istess ħin wieħed jinduna wkoll, li f'dak iż-żmien, meta l-istess awtorità ċentrali ma kinetx daqshekk soda daqs kemm wieħed kien jistenna, il-kmandant tal-port beda jieħu deċiżjonijiet

---

1 Winston L. Zammit, *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti: 1799-1800,* Malta 1999.
2 Carmelo Testa, *The French in Malta 1798-1800,* Malta 1998, p. 313.
3 Carmelo Testa, *The French in Malta 1798-1800,* Malta 1998, p. 313.
4 Zammit 1999, p. 24.

li mhux dejjem kellhom l-approvazzjoni ta' l-ogħla awtoritajiet.

Wieħed jinnota wkoll li xi ftit ta' attenzjoni għad-dettalji kienet qiegħda tingħata wkoll. Fil-fatt kien hemm l-arranġamenti biex jitpoġġew ħġejjeġ f'postijiet partikulari ħalli jkunu jistgħu jgħinu lil dawk il-bastimenti resqin lejn Malta b'xi tagħbija għall-Maltin. Fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar kien hemm waħda fit-trunċiera tal-ponta tal-Qawra u oħra fuq it-Torri ta' San Pawl il-Baħar[5].

L-istess tliet persuni li semmejna aktar il-fuq kienu ingħataw l-inkarigu li jkunu wkoll uffiċjali tas-Saħħa. Dan ħall l-istess bajja tkun tista' taqdi l-funzjonijiet normali ta' port. Apparti l-uffiċjali tas-Saħħa, l-istess persuni kellhom jgħamlu xogħol ta' kontrolluri tad-Dwana wkoll. Dan kien ifisser li l-port ta' San Pawl il-Baħar kellhom jibdew jitħallsu d-dazji kollha li suppost wieħed iħallas fuq oġġetti mdaħħla f'pajjiżna. Għalkemm il-Kanonku Cassar, il-kap ta' Għawdex, kien talab li Għawdex ikollu l-istess faċilitajiet, Alexander Ball ma kienx ta l-permess tiegħu[6].

Fis-16 ta' Settembru 1799 il-Kungress Malti kien ħareġ ordni fejn ordna li kull oġġett li jiddaħħal Malta kellu jgħaddi minn Marsaxlokk jew minn San Pawl il-Baħar. L-uffiċjali taż-żewġ portijiet kellhom jiġbru t-taxxi u jagħtu rċevuta wkoll. In-neguzjanti kellhom juru din l-irċevuta jekk riedu jbiegħu fl-irħula ta' Malta.

## Inċidenti fl-inħawi

Niltaqgħu ma' numru ta' inċidenti li seħħew fil-port ta' San Pawl il-Baħar. Wiġi Briffa kien intbagħat mill-ewwel lejn Napli ħalli jagħti l-aħbar tal-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Għalkemm il-vjaġġ tiegħu ingħata bidu mill-bajja ta' Marsaxlokk, fil-verità minħabba li ħareġ bastiment Franċiż għalihom, il-Maltin daħlu jiskennu fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar. Hekk kif raw li kollox kien sew, il-Maltin telqu minn hemm ħalli jagħtu l-aħbar tagħhom f'Napli.

Fid-19 ta' Settembru 1798 waslet f'Malta l-ewwel għajnuna barranija. Dawn kienu erba' bastiment tal-gwerra u żewġ frigati[7]. Il-bastimenti kienu Portugiżi, ħlief għal frigata li kienet Ingliża, mibgħuta mill-Ammirall Nelson ħalli jagħtu l-għajnuna lill-Maltin[8]. Kif il-Maltin indunaw resqin lejn Malta din il-flotta żgħira, in-Nutar Vitale u Vincenzo Borg marru lejn San Pawl il-Baħar ħalli jkunu huma li jilqgħu lil dawn il-barranin. Wieħed jista' jgħid li l-Maltin damu ġurnata, kemm biex waslu sal-bajja ta' San Pawl il-Baħar, kif ukoll sakemm irnexxielhom jitilgħu fuq il-bastimenti tal-Portugiżi. Hemmhekk huma tarrfu b'kull ħaġa li kienet seħħet sa' dawk il-jiem, u talbu l-għajnuna ħalli l-ġlieda li bdiet kontra l-Franċiżi ma tieqafx ħesrem. Bħala għajnuna immedjata l-Portugiżi offrew 500 xkubetta u b'ammont sostanzjali ta' porvli, kif ukoll bagħtu uffiċjal ta' madwar 20 kannuniera[9].

---

5 Testa 1998, p. 554.

6 Fil-fatt Ball ħalla kollox kif kien, u kien ordna li bastimenti sejrin lejn Għawdex, kellhom l-ewwel jgħaddu fil-port ta' San Pawl il-Baħar, jħallsu d-dazju hemm, u imbagħad ikomplu bil-vjaġġ.

7 Il-bastimenti kienu taħt il-kmand tal-Ammirall Portugiż Markiż Domingos Xavier de Lima Pinto-Guedes de Nizza Reale.

8 F'dak iż-żmien l-Ingilterra u l-Portugal kienu alleati kontra l-Franċiżi.

9 Minn diversi reġistri tal-mejtin li hemm fil-parroċċi taż-Żejtun, Tarxien u Qormi nafu b'ismijiet ta' Portugiżi li ħallew ħajjithom f'Malta.

L-attivitajiet madwar il-kosta ta' Malta jidhru li mill-ewwel bdew jiżdiedu. Fis-27 ta' Ottubru, 1798 l-awtoritajiet Maltin ġew mgħarrfa li bastimenti Ingliżi kienu qabdu bastiment tat-tgħabija li kellu fuqu madwar 300 xkora qamħ, apparti li kien hemm ukoll 4 felukki u xprunara maqbuda wkoll. Dawn kollha ddaħħlu fil-port ta' San Pawl il-Baħar.

## Spiji ta' l-Ordni

L-Ordni ta' San Ġwann għalkemm imkeċċi, xorta waħda jidher li kien għad kellu numru ta' nies li ppruvaw jerġgħu iqawwu qalb il-Maltin biex jilqgħu fosthom l-Ordni tal-Kavallieri. Iżda ż-żmien kien inbidel mhux ħażin. Wieħed ma jistax jimmaġina kif setgħu jerġgħu jirritornaw lura l-Kavallieri wara l-esperjenza qarsa ta' Ġunju ta' l-1798. Fosta dawk li bdew jaħdmu favur il-Kavallieri kien hemm il-Kommendatur Fra Mikielang Attard[10]. Wara li fit-2 ta' Settembru dan Attard ien inqabad fil-Belt Valletta, huwa rnexxielu joħroġ. Mhux hekk biss, iżda wara li għadda minn avventuri rnexxielu biex jingħata l-permess ħalli joħroġ minn Malta. Flimkien ma' Dalmas, Attard kienu fuq bastiment fil-bajja ta' Marsaxlokk u fl-1 ta' Jannar 1799 kellhom jitilqu. Minħabba l-baħar qawwi l-bastiment ma setax jitlaq. Iżda wara li sa' fl-aħħar il-bastiment telaq, nafu li l-istess ċorma ta' Maltin fuq dan il-bastiment, nies ta' Vitale u Borg, irnexxielhom jerġgħu jidħlu fil-port ta' San Pawl il-Baħar.

Il-kmandant tal-Port, Toni Parnis, mill-ewwel arresthom. Lil dan Attard flimkien ma' Dalmas waddbuhom fil-ħabs u żammewhom hemm għal tliet xhur sħaħ. Kellhom biċċa xogħol iebsa numru ta' Maltin oħra biex jirnexxielhom ħalli jġibu l-ħelsien ta' dawn il-Maltin[11]. Dawn inżammu f'ċella li kien hemm taħt it-Torri ta' San Pawl il-Baħar[12].

## Il-Wasla tal-Bastimenti u Truppi Ingliżi

Il-wasla ta' bastimenti kemm Portugiżi kif ukoll Ingliżi tat l-għajnuna meħieġa lill-Maltin biex ikunu jistgħu jimblukkaw il-movimenti kollha ta' l-istess bastimenti Franċiżi. Minħabba f'hekk, il-Maltin setgħu jirċievu l-għajnuna minn Sqallija. Iżda meta s-sitwazzjoni fil-Mediterran kienet titlob mod ieħor, il-bastimenti ġew irtirati minn Malta. Minħabba f'hekk nafu li kien hemm xi problemi, għax kienu l-Franċiżi li setgħu jimblukkaw lill-Maltin fil-portijiet tagħhom. Dan nistgħu narawh minn ittra li kiteb il-Logotenent Vivion fil-31 ta' Mejju 1799[13].

Il-Maltin kienu ilhom jistennew l-għajnuna Ingliża. Fit-28 ta' Novembru 1799 il-kmandant Troubridge wasal f'Messina. Minħabba l-maltemp huwa ma setax jitlaq minn hemm u jsalpa lejn Malta. Kien fis-6 ta' Diċembru li t-truppi Ingliżi imbarkaw fuq żewġ bastimenti. B'kollox kien hemm 800 suldat. Dak inhar stess il-bastimenti telqu lejn Malta u waslu fid-9 ta' Diċembru.

---

10 Imwieled f'Bormla fl-1750, huwa kien daħal membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann fi ħdan il-Lingwa Taljana, bħala kjeriku. Waqt li dan ħadem biex jirritorna lejn Malta l-ordni ta' San Ġwann, huħ kien wieħed minn dawk li ħadem ħafna favur il-Franċiżi.
Testa 1998, p. 535, nota 14.

11 Testa 1998, pp. 525-526.

12 Testa 1998, p. 530
It-torri naturalment huwa dak li inbena fiż-żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt, l-akbar torri li kien hemm fl-inħawi ta' madwar din il-bajja.

13 William Hardman *A History of Malta during the period of the French and British occupations 1798-1815*, Malta 1994, kopja faksimili, p. 213.

L-ewwel ma daħlu kien fil-Port ta' San Pawl il-Baħar. It-truppi tniżżlu hawnhekk. Filwaqt li kien hemm stakkament minnhom li mar lejn Birkirkara, l-ieħor mar lejn in-Naxxar u Ħal Lija. Dawn kellhom ikunu l-ewwel postijiet temporanji, għax mill-ewwel beda jsir tibdil u arranġamenti differenti. Il-bastimenti ma baqgħux f'San Pawl il-Baħar u telqu lejn il-bajja ta' Marsaxlokk. Kien hemm li twaqqaf il-kwartieri temporanji tal-flotta Ingliża, u l-munizzjon u l-ikel tniżżel l-art u ttieħed fil-Forti San Luċjan[14].

Hawnhekk probabilment wieħed jinnota li r-raġuni il-għala l-bastimenti Ingliżi ttieħdu lejn Marsaxlokk, kien minħabba l-preżenza tal-Forti San Luċjan. Dan kien akbar mit-torri ta' San Pawl il-Baħar u kien seta joffri kenn u difiża ferm aħjar minn xi tip ieħor ta' fortifikazzjoni fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar. Fl-istess ħin il-bajja ta' Marsaxlokk kienet meqjusa bħala li tagħti aktar kenn lill-bastimenti minn dik ta' San Pawl il-Baħar[15].

Minn din il-kitba rajna għalhekk li l-bajja ta' San Pawl il-Baħar kienet spiċċat biex ħadet sehem importanti fit-taqtiegħa li nqalgħet mitejn sena ilu. Fl-istess ħin wieħed jinnota wkoll li għalkemm il-bajja ta' San Pawl il-Baħar ma kinetx żviluppata bħala port normali, meta l-awtoritajiet Maltin ma kellhomx triq oħra x'jagħżlu, spiċċaw biex għamlu użu minn din il-bajja.

---

14 Testa 1998, p. 701

15 Hardman, 1994., p. 247
L-informazzjoni nieħduha minn ittra miktuba mill-Brigadier Ġenerali Graham u mibgħuta lil Logotenent Ġenerali Fox.


**Grands Real Estate Ltd.**

**Ronnie Camilleri**
***Property Consultant***
**Mob: 0949 3294**

**Head Office:**
50, Msida Road, Gżira 03 – Malta
Tel: 318560, 343266, 345136/7, 346426
Fax: 310196
e-mail: property@grands.com.mt
Web: http://www.grands.com.mt

**Bugibba Office:**
Islet Promenade, Bugibba SPB 04 - Malta
Tel: 582555, 582666, 582777
Fax: 582111